**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur William Scicluna)**
**(Spettur Sean Scicluna)**

**Vs**

**John Paul Micallef**
**Anthony Zarb**
**Mario Zarb**

**Kumpilazzjoni Numru: 1145/2012**

Illum, 25 ta' Mejju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati John Paul Micallef, ta' 23 sena, iben Emanuel u Mary nee' Vella, imwieled Pieta' fit-12 ta' Novembru, 1991 u residenti f' Blk 2, Bieb B, Flt 12, Vjal ir-Rihan, San Gwan, detentur ta' karta tal-identita' 0570591(M) u Anthony Zarb, ta' 26 sena, iben Mario u Maria Dolores nee' Vella, imwieled Pieta' fl-4 ta' Awwissu, 1988 u residenti f'132, Triq Santa Lucija, Naxxar, detentur ta' karta tal-identita' 359588(M) u Mario Zarb ta' 49 sena, iben il-mejjet Anthony u Maria nee' Fenech, imwieled Ghargur fl-20 ta' Marzu, 1966 u residenti 132, Triq Santa Lucija, Naxxar, detentur ta' karta tal-identita' 140166(M):

Talli f'dawn il-gzejjer, bejn l-1 ta' Awwissu 2014 u t-13 ta' Lulju, 2015:

1. Assocjaw ruhhom ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta (frodi u/jew falsifikazzjoni

u/jew dikjarazzjoni falza lil awtorita pubblika) li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

2. U aktar talli xjentement ghamlu uzu minn cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbilment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern.

3. U aktar talli xjentament ghamlu uzu minn falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi nholqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew helsien minn obligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zdiedu jew tbiddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

4. U aktar talli sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz.

5. U aktar talli ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

6. U aktar talli issotomettew certifikat falz, lill-Kummissarju tal-Pulizija, li kien juri it-temmejtu b'success dawk il-korsijiet ta' tahrig li jkunu approvati skont id-disposizzjonijiet tar-regolamenti dwar gwardjani privati, Legislazzjoni Sussidjara 389.01 u l-Att dwar gwardjani privati u lokali, Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Lil Anthony Zarb wahdu:

Talli fl-istess lok, data u cirkostanzi, ghamel, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, addatta, ipprovda jew offra li jiprovdi xi oggett meta kien jaf li dak l-oggett huwa intiz jew adattat biex jintuza fit-twettiq ta' jew f'konnessjoni ma' frodi jew bl-intenzjoni li jintuza biex titwettaq frodi jew jassisti fl-ghemil ta' frodi;

8. Lil Anthony Zarb wahdu:

Talli fl-istess lok, data u cirkostanzi, xjentament ghamel uzu minn dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz li gew mahruga minn persuna li mhux uffijcal jew impjegat pubbliku b'abbuz ta' awtorita.

9. Lil Anthony Zarb wahdu:

Talli fl-istess, lok data u cirkostanzi, irrendejt lilu innifsu komplici ma' Mario Cardona ID 6455861M u/jew Patricia Borg ID 399762M billi b'xi mod li jkun, xjentament ghen jew assista lill-awturi tad-delitt ta' frodi u/jew falsifikazzjoni u/jew dikjarazzjoni falza lil awtorita' pubblika, fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat;

10. Lil John Paul Micallef u Mario Zarb wehidhom:

U aktar talli fl-istess lok, data u cirkostanzi, instabu fil-pussess taghhom jew kellhom taht il-kontroll taghhom xi oggett, li jinkludi kull dokument, ghall-uzu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

11. Lil John Paul Micallef u Mario Zarb wehidhom:

Talli fl-istess lok data u cirkostanzi, irrendew lilkom nfushom komplici ma' Anthony Zarb ID 359588M billi b'xi mod li jkun, xjentement ghenu jew assistew lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt ta' frodi u/jew falsifikazzjoni u/jew dikjarazzjoni falza lil awtorita' pubblika, fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat; u/jew sahhew il-volonta' ta' Anthony Zarb ID 359588M sabiex jaghmel id-delitt, jew weghdu li wara l-fatt jassistuh, jieqfu mieghu jew jikkumpensawh.

12. Lil John Paul Micallef u Anthony Zarb wehidhom:

U aktar talli fl-istess lok, data u cirkostanzi, ghamilu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifkazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu

jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

13.Lil John Paul Micallef u Anthony Zarb wehidhom:

U aktar talli fl-istess lok, data u cirkostanzi, iffalsifikaw cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern.

14.Lil Anthony Zarb u Mario Zarb wehidhom:

Talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq, iffalsfikaw dokumenti li jikkonsistu fil-gira biss ta' ceduli, poloz, ordnijiet jew dokumenti li jkunu veri.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif iikkontemplat fl-artilou 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll li tapplika l-artikolu 17 u 31 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-prosekuzzjoni li permezz taghha indikat liema huma r-reati specifici, dak mezz ai fini u liema huma l-imputazzjonijiet li inghataw bhala alternattivi.

Rat li l-imputati fis-seduta tallum ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom (hlief ghal dawk li inghataw bhala alternattivi) u li regghu ikkonfermaw l-istess ammissjoni wara li inghataw zmien biex jirrikunsidraw il-posizzjoni taghhom.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati gew sodisfacjemtement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tal-gravita' tar-reati, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali taghhom fejn inkwantu ghal John Paul Micallef u Mario Zarb hija wahda netta. Tqis ghalhekk li inkwantu ghal John Paul Micallef u Mario Zarb ghandhom jitqeghdu taht ordni ta' probation, inkwantu ghal Anthony Zarb ghandu jigi kkundannat ghal sentenza ta' prigunerija sospiza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet u hames imputazzjonijiet billi dawn inghataw bhala alternattivi, wara li rat l-artikoli 48A, 169, 188(1), 310BA(1), 42(d)(e), 183 u 167(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 6(3) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 4(1), 7(1) ta' Legislazzjoni Sussidjarja 389.01, fuq ammissjoni ssib lill-imputat John Paul Micallef hati tal-imputazzjonijiet li ngabu fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre' inkwantu ghall-imputat Mario Zarb din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet u hames imputazzjonijiet billi dawn inghataw bhala alternattivi, wara li rat l-artikoli 48A, 169, 188(1), 310BA(1), 42(d)(e) u 167(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 6(3) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 4(1), 7(1) ta' Legislazzjoni Sussidjarja 389.01, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Mario Zarb hati tal-imputazzjonijiet li ngabu fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre' inkwantu ghall-imputat Anthony Zarb din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet u hames imputazzjonijiet billi dawn inghataw bhala alternattivi, wara li rat l-artikoli 48A, 169, 188(1), 18, 310BA(2), 186, 42(c)(d), 183, 167(1) u 167(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 6(3) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 4(1), 7(1) ta' Legislazzjoni Sussidjarja 389.01, fuq ammissjoni

ssib lill-imputat Anthony Zarb hati tal-imputazzjonijiet li ngabu fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghal-hlas ta' esperti billi ma gew nominati ebda esperti.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettqu reat  waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat